MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 76/2022 LM

**Damary Karina Perez Morris**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-13 ta' Ġunju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord laqa' l-appell tar-rikorrenti **Damary Karina Perez Morris**, hawnhekk 'l-appellanta', mid-deċiżjoni tal-intimata tat-2 ta' Marzu, 2021, wara li kkonsidra li r-rikorrenti ma kinitx qegħda Malta illegalment meta

talbet il-permess ta' residenza. Il-Bord iddeċieda li r-rikorrenti għandha tingħata l-permess mitlub abbażi tal-studji tagħha, filwaqt li ordna lir-rikorrenti tippreżenta evidenza lill-intimata tal-progress magħmul minnha waqt l-istudji tagħha.

**Fatti**

2. Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti, li hija ċittadina tal-Venezuela, waslet Malta fit-13 ta' Frar, 2020, u kienet awtorizzata tirrisjedi f'Malta mis-Central Visa Unit sat-28 ta' Mejju, 2020. Fit-3 ta' Diċembru, 2020, ir-rikorrenti applikat għal permess ta' residenza temporanja għal raġunijiet ta' studju. L-intimata irrifjutat li toħroġ dan il-permess wara li qieset li meta r-rikorrenti talbet dan il-permess, hija kienet qegħda f'Malta illegalment. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrenti fit-2 ta' Marzu, 2021, din ġiet infurmata li t-talba tagħha għall-ħruġ ta' permess ta' residenza temporanju kienet qegħda tiġi rifjutata, u li hija kienet qegħda tiġi 'ittollerata' f'Malta għaliex is-sitwazzjoni tal-COVID-19 għamlitha diffiċli għaliha li tirritorna lura f'pajjiżha. Minkejja dan, ir-rikorrenti ntalbet tistabbilixxi kuntatt mal-awtoritajiet f'pajjiżha sabiex tkun tista' tagħmel l-arranġamenti neċessarji għar-ripatrijazzjoni tagħha.

**Mertu**

3. Permezz tar-rikors tal-appell tagħha quddiem il-Bord, ir-rikorrenti spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-intimata, u dan għaliex fis-snin preċedenti hija diġà kienet tgħix f'Malta u kellha *residence card.* Spjegat li hija waslet Malta mill-Venezuela fi Frar tal-2020 sabiex issegwi kors ta' studju

(Bachelor of Arts Degree in Biblical Studies) mal-Global Institute of Theology f'Malta. Spjegat li l-passaport tal-Venezuela tagħha skada fis-7 ta' Settembru, 2020, u minkejja li hija ppruvat iġġedded il-passaport tagħha ferm qabel dan kien skada, u ħallset it-tariffa amministrattiva relattiva, hija baqgħet mingħajr risposta għal dan. Qalet li s-Central Visa Unit irrifjutat id-dokumentazzjoni pprovduta minnha sabiex tinħarġilha *visa* ta' studenta, u dan wara li ġie stabbilit li l-passaport tagħha ma kien għad fadallu terminu ta' validità ta' inqas minn sitt xhur. Minflok, fl-14 ta' Mejju, 2020 ir-rikorrenti ngħatat awtorizzazzjoni temporanja sabiex tibqa' f'Malta, liema dokument però kien validu sat-28 ta' Mejju, 2020. Ir-rikorrenti ġiet infurmata li dan id-dokument kellu jibqa' validu in vista taċ-ċirkostanzi speċjali li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19. Ir-rikorrenti spjegat li apparti l-problemi li ġabet magħha l-pandemija, hija ma setgħetx tħalli Malta qabel iġġedded il-passaport tagħha. Qalet ukoll li f'Ottubru tal-2020, hija rċeviet il-passaport bi proroga ġdida, li estendiet id-data tal-validità tiegħu sat-23 t'Awwissu, 2022.

4. Ir-rikorrenti spjegat li meta applikat għall-permess ta' residenza l-ewwel darba, hija ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha ma kinitx qegħda tiġi milqugħa għaliex il-passaport tagħha kien għad fadallu terminu ta' validità ta' inqas minn sitt. Ir-rikorrenti qalet li meta rċeviet il-passaport il-ġdid tagħha, hija ssottomettiet l-informazzjoni kollha mill-ġdid lis-Central Visa Unit. Ir-rikorrenti spjegat li fit-3 ta' Diċembru, 2020 hija ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha ma setgħetx tiġi pproċessata mis-Central Visa Unit għaliex il-kors li applikat għalih għandu livell MQF ta' aktar minn 4, u għalhekk intalbet tindirizza t-talba tagħha lill-Identity Malta Agency sabiex ikun jista' jinħarġilha permess uniku ta' residenza abbażi tal-istudji tagħha. Ir-rikorrenti spjegat li għal darb'oħra hija

bagħtet id-dokumentazzjoni tagħha lill-Identity Malta Agency, li talbitha tippreżenta dokumenti addizzjonali. Ir-rikorrenti qalet li hija ntalbet tippreżenta din id-dokumentazzjoni addizzjonali fl-14 ta' Diċembru u fil-21 ta' Diċembru, 2020, u hija ppreżentat id-dokumentazzjoni mitluba minnha minnufih. Qalet li fit-18 ta' Frar, 2021, hija bagħtet *email* lill-intimata fejn talbet aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tagħha, u f'dan l-istadju hija ġiet infurmata li kellha tistenna li tingħata appuntament sabiex il-proċess tal-applikazzjoni tagħha jkun jista' jiġi ffinalizzat. Ir-rikorrenti qalet li fit-2 ta' Marzu, 2021 hija rċeviet ittra mhux iffirmata fejn hija ġiet infurmata li hija kienet qegħda tirrisjedi f'Malta illegalment, u għalhekk hija ma kinitx eliġibbli biex tissottometti applikazzjoni għal permess ta' residenza.

5. Ir-rikorrenti qalet li l-intimata rrifjutat li toħorġilha ittra formali ta' rifjut bir-raġuni għalfejn l-applikazzjoni tagħha kienet qegħda tiġi rifjutata, u dan bi ksur tal-prinċipji tal-liġi amministrattiva u tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Ir-rikorrenti qalet li hija baqgħet ma ngħatat l-ebda informazzjoni bir-raġuni għalfejn l-applikazzjoni tagħha qegħda tiġi rifjutata, u hija saret taf bir-raġuni biss wara li rċeviet *email* mingħand impjegati tal-intimata. Ir-rikorrenti esprimiet id-diżappunt tagħha għad-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tagħha, u qalet li min-naħa tagħha hija dejjem ottemperat ruħha mat-talbiet kollha li sarulha sabiex tippreżenta aktar informazzjoni jew dokumentazzjoni.

6. L-intimata wieġbet li hija bagħtet ittra lir-rikorrenti fejn infurmatha li l-applikazzjoni tagħha kienet qegħda tiġi rifjutata, u dan għaliex rriżulta li r-rikorrenti baqgħet tgħix f'Malta minkejja li l-perijodu fejn hija kienet awtorizzata tibqa' f'Malta, kien skada. Spjegat li r-rikorrenti waslet Malta fit-13 ta' Frar, 2020,

u fit-3 ta' Diċembru, 2020, id-direttur tal-Golobal Institute of Theology Malta, bagħat id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex japplika għal permess temporanju f'isem ir-rikorrenti. L-intimata qalet li għalhekk l-applikazzjoni għal Permess Temporanju ntalbet diversi xhur wara li kien skada l-perijodu li fih ir-rikorrenti kienet awtorizzata li tibqa' f'Malta.

## Id-Deċiżjoni Appellata

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Ġunju, 2022, il-Bord laqa' l-appell tar-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***Preliminary***

*The Board:*

- *Saw the decision issued by Identity Malta Agency on 2nd March, 2021 through which the appellant was informed that her application for a temporary residence permit had been rejected;*
- *Saw the appeal registered on 4th March, 2021;*
- *Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 6th April, 2021;*
- *Saw the decree issued by the said Board on 3rd August, 2021.*

*In its reply to the appellant's appeal, the Agency stated that the appellant had come to Malta on 13th February, 2020, as evidenced by the relative stamp on her passport.*

*On 3rd December, 2020, Mr Joseph Agius, director of the Global Institute of Theology (Malta), applied on the appellant's behalf for a temporary residence permit.*

*The Agency's position was that the application for a temporary permit was submitted several months after her authorised period to stay in Malta had elapsed.*

*The appellant filed an appeal in which she stated:*

- *She was a Venezuelan national who had previously lived in Malta. She travelled to Malta from Venezuela in February 2020 to enrol in a degree in biblical studies at the Global Institute of Theology;*

- *Her Venezuelan passport expired on 7th September, 2020. The appellant tried to renew her passport months in advance of that expiry and in fact, had contacted the Venezuelan consular services and paid the applicable administrative fee;*
- *The Central Visa Unit refused to accept the documentation provided by the appellant as part of a student visa application as her passport had less than six months of validity remaining;*
- *The appellant was granted temporary authorisation to reside in Malta through a document titled "Temporary Authorisation to Reside in Malta due to the Covid-19 Crisis". This document was valid until 28th May, 2020. However, the appellant was informed that the document would remain valid due to the upheaval brought about by the pandemic;*
- *In any case, the appellant could not leave Malta as by then, her Venezuelan passport had expired, and she was waiting for her new passport. It was only in October 2020 that her new passport arrived;*
- *With her new passport, the appellant tried to apply, once again, for a student visa. However, the Central Visa Unit informed her that as her course was a a level higher than MQF Level 4, she had to lodge an application with Identity Malta Agency;*
- *Then, the appellant lodged the relative application with Identity Malta Agency, which application was met with the appealed decision.*

*The Board observes, first of all, that at least until 28th May, 2020 (document F), the appellant was legally present in Malta. Then, it must be noted that Malta International Airport reopened to passenger flights on 1st July, 2020. Therefore, whatever the appellant's immigration status in Malta, it was impossible for her to leave Malta until 1st July, 2020.*

*Therefore, the Baord is stating that the appellant was legally present in Malta at least until 1st July, 2020.*

*In any case, however, the appellant was doing her level best to try to obtain a new passport from the Venezuelan authorities. By July 2020, the appellant's passport was only two months away from expiry.*

*The Board is considering that rather than idly staying in Malta, the appellant chose to try to occupy her time by enrolling in a new course. That cannot be held against her.*
*The Board observes that between February 2020 and December, 2020, the appellant was, simultaneously, trying to apply for a visa (which she could not do as her passport would expire in less than six months), trying to apply for a residence permit (which*

*she did manage to do but her application was rejected, giving rise to this appeal), and applying with the Venezuelan autorities to renew her passport.*

*It is obvious that without a passport and/or with a passport so close to expiry, the appellant was extremely limited in her options.*

*When she finally obtained her new passport and could apply for a residence permit with the Agency, she was informed that she was illegally present.*

*It must be observed that the situations with which the appellant was faced amount to a convergence of misfortunes. There is no evidence that the appellant could do any more than she actually did, in fact, her stay in Malta is marked by a continuous exercise to regularise her position – whether through a residence permit or through a visa. Furthermore, her efforts to obtain a new passport were complicated by the pandemic.*

***Therefore, having made the considerations mentioned hereinabove, the Board annuls the Agency's decision of 2nd March, 2021 as it contains no reasons as to why the application was rejected, and in view of the considerations made hereinabove, directs Identity Malta Agency to receive and to process the appellant's application for a residence permit on the basis of studies strictly on the merits of such application, given that this Board does not consider the appellant to have been illegally present in Malta.***

***The Board further directs the appellant to provide Identity Malta Agency with evidence of her progress in the said course.***

## <u>L-Appell</u>

8. L-Awtorità intimata appellat minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell imressaq fil-21 ta' Ġunju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka id-deċiżjoni tal-Bord tat-13 ta' Ġunju, 2022, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellanta tat-2 ta' Marzu, 2021, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

9. L-appellanta resqet żewġ aggravji fir-rikors tal-appell tagħha. L-ewwel aggravju tagħha huwa li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, senjatament

tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u kkonkluda li l-appellata ma kinitx legalment fit-territorju ta' Stat Membru meta ressqet l-applikazzjoni tagħha. Qalet li f'dan il-każ l-awtorizzazzjoni li kellha l-appellanta sabiex tirrisjedi f'Malta kienet skadiet xhur qabel, u dan il-permess kien limitat biss sabiex hija tkun tista' tibqa' f'Malta sakemm ikun possibbli għaliha li tħalli Malta u tirripatrija ruħha, u mhux biex tibqa' fil-pajjiż sakemm jidhrilha li għandha tippreżenta applikazzjoni għal permess ta' residenza. L-appellanta qalet li hija qatt ma setgħet tilqa' l-applikazzjoni tal-appellata, u dan *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, liema liġi ttrasponiet id-direttiva 2011/98/UE dwar *proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru*, li tgħid li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fl-Istat Membru sabiex jippreżenta applikazzjoni. L-appellanta qalet li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari ta' applikanti, u għalhekk, ladarba jirriżulta li l-applikazzjoni ġiet imressqa minn ċittadin ta' pajjiż terz li kienet tinsab Malta illegalment, u peress li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, l-appellanta kienet korretta meta ma aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellata.

10. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex id-deċiżjoni tal-Bord mhijiex motivata. Qalet li l-Bord annulla d-deċiżjoni tagħha wara li qies li hija nieqsa mir-raġunijiet għalfejn l-applikazzjoni tal-applikanta kellha tiġi rifjutata. L-appellanta qalet li minn qari tad-deċiżjoni appellata minn imkien ma jirriżulta x'kienet il-konsiderazzjoni tal-Bord, u lanqas m'hemm spjegazzjoni jew referenza għal xi nuqqas ta' raġunijiet mogħtija mill-appellanta. Qalet li minkejja

li għall-validità tad-deċiżjoni mhux meħtieġ li l-motivazzjoni tkun waħda profonda, dan ma jfissirx li l-mertu tal-vertenza għandu jiġi injorat u anki sorvolat b'deliberazzjonijiet leġġeri u skarsi minn motivazzjoni sobrija. L-appellanta qalet ukoll li hija ma tistax tifhem kif il-Bord wasal għall-konklużjoni li hija ma tatx raġuni għad-deċiżjoni tagħha, u dan għaliex fid-deċiżjoni tagħha hija infurmat lill-applikanta li l-applikazzjoni tagħha kienet qegħda tiġi rifjutata għaliex instab li hija kienet qegħda f'Malta illegalment meta intavolat l-applikazzjoni tagħha. L-appellanta qalet li huwa ironiku li l-Bord wasal għall-konklużjoni li hija ma tatx raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, meta kien hu li ma tax raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. Fir-risposta tagħha, l-appellata qalet li d-deċiżjoni tal-Bord kienet ġusta u timmerita konferma. Spjegat li hija vvjaġġat lejn Malta mill-Venezuela fit-13 ta' Frar, 2020, u fit-12 ta' Marzu, 2020 faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19 f'Malta, li wasslet biex l-appellanta għalqet il-bibien tagħha għall-pubbliku, filwaqt li anki l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta għalaq għal żmien indefinit, bir-riżultat li hija spiċċat maqbuda hawn Malta. Qalet li dak iż-żmien kien inħarġilha permess mis-*Central Visa Unit* sabiex iġġedded iż-żmien li fih setgħet tirrisjedi f'Malta legalment, u matul dan iż-żmien hija bdiet issegwi kors mal-Global Institute of Theology fil-livell ta' *Bachelor of Arts* fl-Istudji Bibliċi. Qalet li l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata mill-appellanta fit-2 ta' Marzu, 2021, u hija intavolat appell minn din id-deċiżjoni fl-4 ta' Marzu, 2021.

12. L-appellata spjegat li hija baqgħet f'Malta ssegwi kors ta' studju abbażi tad-dokument li nħarġilha mis-Central Visa Unit, u fit-8 ta' Ġunju, 2021 hija applikat mas-Central Visa Unit għal visa ta' student biex issegwi dan il-kors. Kompliet tgħid li l-passaport tagħha kien ser jiskadi fis-7 ta' Settembru, 2020, u hija kienet ilha żmien li applikat mal-Ambaxxata tal-Venezuela ġewwa Barcelona, Spanja sabiex testendi l-validità tal-passaport tagħha, u fit-8 ta' April, 2020, hija kienet ħallset it-tariffa relattiva għal dan is-servizz. Kompliet tgħid li hija ġiet infurmata permezz ta' *email* tal-15 ta' Lulju, 2020 li l-applikazzjoni tagħha ma kinitx sejra tintlaqa' minħabba li l-passaport tagħha ma kienx għad fadallu tliet xhur validità. Qalet li kien f'Ottubru tal-2020 li hija rċeviet il-proroga għall-passaport tagħha, li permezz tagħha l-validità tiegħu ġiet estiża sat-23 t'Awwissu, 2022. Qalet li meta rċeviet il-proroga fuq il-passaport tagħha, hija applikat mill-ġdid mas-Central Visa Unit għal *visa* ta' studenta. L-appellata kompliet tgħid li fit-3 ta' Diċembru, 2020, hija ġiet infurmata li l-*visa* ma setgħetx tinħareġ, għaliex il-kors li kienet qiegħda ssegwi l-appellata kien fil-Livell 6 MQF, filwaqt li s-Central Visa Unit setgħet biss tapprova *visas* għal korsijiet li jaqgħu taħt il-livell ta' MQF 4. Għaldaqstant, l-appellata ġiet riferuta lill-appellanta. L-appellata spjegat li fl-4 ta' Diċembru, 2020 hija bagħtet id-dokumenti kollha lill-appellanta, u dakinhar stess l-appellanta talbitha aktar dokumenti, liema dokumenti ntbagħtu minnha minnufih. Qalet li l-appellanta talbet għal aktar dokumenti fl-14 u fil-21 ta' Diċembru, 2020, u hija baqgħet issegwi l-applikazzjoni tagħha, iżda kien biss fit-2 ta' Marzu, 2021 li hija rċeviet ittra mhux iffirmata li nfurmatha li t-talba tagħha kienet qegħda tiġi rifjutata.

13. L-appellata qalet li l-appellanta hija żbaljata meta tgħid li l-appellata ma kinitx qegħda f'Malta legalment meta ressqet l-applikazzjoni tagħha peress li l-

permess tagħha kien skada xhur qabel ma tefgħet l-applikazzjoni tagħha għal *visa* ta' student. Qalet li d-dokument maħruġ mis-Central Visa Unit stess jikkontradixxi dak li tgħid l-appellanta, għaliex dan id-dokument estenda l-permanenza tal-appellata għal mill-anqas it-28 ta' Mejju, 2020. Kompliet tgħid li kif jirriżulta mill-korrispondenza elettronika tat-18 ta' Lulju, 2020, din l-ittra tgħid li "*Kindly note that the authorisation letter is a one-time only and cannot be extended. Please note that you should still keep the letter at all times until you managed to exit the Schengen Area, even if it expires."* Dan id-dokument kien jgħid ukoll li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kien approva l-estensjoni tas-soġġorn tal-appellata f'Malta, u għalhekk hija setgħet tibqa' f'Malta sakemm tkun tista' titlaq permezz ta' titjira ta' ripatrijazzjoni, jew inkella b'kull mezz ieħor disponibbli għaliha.

14. L-appellata qalet li din l-ittra kellha tneħħi kull dubju li hija kienet għalhekk residenti legalment ġewwa Malta fil-mument li hija għamlet l-applikazzjoni tagħha għall-*visa* ta' student. Qalet li dan id-dokument ma jagħmel l-ebda riferiment għall-fatt li persuna ma setgħetx tagħmel applikazzjoni biex tikseb kwalunkwe tip ta' permess ta' residenza oħra ġewwa Malta. Qalet ukoll li ma jidher li kien hemm l-ebda *policy* speċifika wara l-ħruġ ta' dan id-dokument, u għalhekk huwa impossibli li l-appellanta tikkonferma dak li qegħda ssostni. L-appellata qalet ukoll li l-appellanta naqset milli tipprova dettalji ta' importanza għall-każ odjern, bħad-data meta l-ajruport ta' Malta reġa' beda jaħdem mill-ġdid, meta reġgħu bdew it-titjiriet lejn il-Venezuela, u jekk kienx hemm xi arranġament mill-awtoritajiet Maltin dwar vjaġġi ta' ripatrijazzjoni. Qalet li dan il-punt qiegħed jitqajjem għaliex hija ngħatat permess temporanju li jibqa' validu sakemm ikun hemm il-possibbiltà li persuna tiġi ripatrijata jew inkella li titlaq minn Malta volontarjament. L-appellata qalet li filwaqt li l-appellanta qegħda

tinsisti li hija kienet f'Malta illegalment, din xorta waħda ma ġabet l-ebda prova dwar dan l-istat ta' fatt. Qalet li bejn Ottubru 2021 u Marzu 2022 hija baqgħet dejjem f'kuntatt mal-appellanta, u kienet regolarment tibgħat id-dokumentazzjoni mitluba minnha. Qalet li sa minn meta hija ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha, minn dejjem kien evidenti li hija kienet qegħda f'Malta abbażi tad-dokument maħruġ mis-Central Visa Unit, u minkejja dan l-applikazzjoni tagħha tħalliet pendenti għal ħames xhur qabel hija rċeviet il-korrispondenza mhux iffirmata mill-appellanta. L-appellata qalet ukoll li hija fl-ebda waqt ma ġiet infurmata li l-permess temporanju maħruġ kien qiegħed jiġi irtirat jew li hija kellha tħalli ż-Żona Schengen.

15. L-appellata qalet li filwaqt li l-appellanta saħqet li d-deċiżjoni tat-3 t'Awwissu, 2021 kienet fil-fatt id-deċiżjoni tagħha, din l-ittra kellha format differenti minn ittra ta' rifjut normali, u qalet ukoll li din l-ittra mhux biss ma kinitx iffirmata, iżda lanqas biss kienet tinkludi r-raġuni għalfejn din l-applikazzjoni ġiet rifjutata, u lanqas ma infurmat lill-appellata bid-dritt tagħha li tappella mid-deċiżjoni. Qalet li kuntrarjament għal dak li tgħid l-appellanta, il-Bord bl-ebda mod ma pprova 'jsalva' l-applikazzjoni tal-appellata, u l-appell tagħha fil-fatt ġie milqugħ għaliex l-appellanta ma ssostanzjatx l-allegazzjoni tagħha li l-appellata kienet qegħda f'Malta irregolarment. Qalet li l-Bord fehem il-pożizzjoni tagħha u rrikonoxxa li minkejja d-diffikultajiet li hija kellha tħabbat wiċċha magħhom, partikolarment minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u sakemm irnexxielha ġġedded il-passaport tagħha, hija għamlet dak kollu li setgħet sabiex issib soluzzjoni. Qalet li l-appellanta rrispondiet għall-appell tagħha permezz ta' risposta xotta ta' erba' paragrafi li ma ndirizzaw l-ebda waħda mil-lanjanzi

tagħha, u lanqas ma spjegaw għal liema raġuni l-appellanta kienet qegħda ssostni li l-appellata kienet f’Malta illegalment.

16. B’riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li r-risposta ppreżentata mill-appellanta quddiem il-Bord kienet fjakka ferm u nieqsa minn bosta dettalji essenzjali, fosthom meta l-appellanta saħqet li kien skada ż-żmien li fih l-appellata setgħet tibqa’ f’Malta. L-appellata qalet li l-unika eċċezzjoni li tqajmet mill-appellanta kienet biss dwar jekk l-appellata kinitx legalment f’Malta jew le meta ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha, u l-Bord indirizza dan il-punt meta qal li l-appellata kienet tal-anqas f’pożizzjoni regolari f’Malta sal-1 ta’ Lulju, 2020 meta reġa’ fetaħ, b’mod limitat ħafna, l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta. L-appellata qalet li minkejja li l-appellanta injorat għal kollox il-lanjanzi tagħha, u minflok saħqet sempliċiment li l-applikazzjoni tal-appellata saret meta hija kienet f’Malta irregolarment, donnha tinstab urtata għall-fatt li l-Bord ikkonferma li din ir-risposta ma kien fiha l-ebda raġuni għalfejn l-applikazzjoni tal-appellata ġiet rifjutata. Qalet li dan ma sarx biss fir-risposta tal-appellanta għall-appell tagħha, iżda anki fl-ittra li nħarġet mill-appellanta biex tinforma lill-appellata bl-eżitu tal-applikazzjoni tagħha, li ukoll ma kien fiha l-ebda raġuni għal din id-deċiżjoni. Qalet li dan il-punt tqajjem ukoll mill-appellata fl-appell tagħha quddiem il-Bord, iżda ġie injorat għal kollox mill-appellanta fir-risposta tagħha. L-appellata qalet li għalhekk kienet l-appellanta li ma tat l-ebda raġuni għalfejn l-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda.

17. L-appellata qalet li l-appellanta ma tistax tippretendi li jkun il-Bord li jagħmel xogħolha u jaħseb dwar x’setgħet kienet ir-raġuni għalfejn l-appellanta rrifjutat it-talba tal-appellata. Qalet li ladarba l-appellanta ma tat l-ebda raġuni

għalfejn l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata, kien korrett il-Bord meta qal li ma seta' jagħmel l-ebda konsiderazzjonijiet dwar ir-raġunijiet mogħtija mill-appellanta, ladarba ma ngħatat l-ebda raġuni. Qalet li għalhekk huwa tassew ironiku kif l-appellanta qegħda tilmenta li l-Bord ma tax ir-raġunijiet wara d-deċiżjoni tiegħu, meta l-istess Bord ikkonferma li d-deċiżjoni tal-appellanta ma tatx ir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellata. Finalment l-appellata qalet li l-kompetenza ta' din il-Qorti hija purament waħda ta' reviżjoni, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tarroga fuqha l-poter deċiżjonali ta' entità pubblika, imma jekk issib li l-lanjanzi tal-appellanta għandhom jiġu milqugħa, għandha tibgħat l-atti quddiem il-Bord sabiex it-talbiet jerġgħu jiġu kkunsidrati mill-ġdid.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat.

*L-ewwel aggravju: il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi applikabbli*

19. L-appellanta saħqet li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u dan minħabba nuqqas ta' konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellata ma kinitx legalment fit-territorju ta' Stat Membru meta din issottomettiet l-applikazzjoni tagħha. Qalet li meta l-appellanta applikat għall-permess li eventwalment ġie miċħud, l-awtorizzazzjoni temporanja li din kellha sabiex tibqa' f'Malta kienet ilha xhur li skadiet, u għalhekk hija kienet qegħda Malta illegalment.

20. Il-Qorti qieset li l-konsiderazzjoni prinċipali li għamel il-Bord qabel iddeċieda l-appell tar-rikorrenti, kienet li kemm kienet ilha li waslet f'Malta hija kellha taffaċċja sensiela ta' ċirkostanzi sfortunati li għamluha impossibbli għaliha kemm li titlaq minn Malta, kif ukoll li tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha. Jirriżulta li l-appellata waslet Malta fi Frar tal-2020, u ftit jiem biss wara l-wasla tagħha f'Malta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, bir-riżultat li għalaq l-ajruport u kien hemm interruzzjoni f'bosta servizzi pprovduti anki mill-appellanta, li għal xi żmien għalqet ukoll il-bibien tagħha għall-pubbliku. Kien f'dan iż-żmien ukoll li l-appellata ppruvat iġġedded il-passaport tagħha għaliex kien ser jiskadi f'Settembru tal-istess sena, u għalhekk hija ħasbet għat-tiġdid tiegħu sa minn April tal-2020. Minkejja li l-appellata ħallset it-tariffa relattiva għat-tiġdid tal-passaport tagħha, u kienet f'kuntatt mal-Konsulat tal-Veneżuela f'Barċellona sabiex jinħarġilha passaport ġdid, hija baqgħet tistenna sa Ottubru tal-2020 biex inħarġilha passaport ġdid. Sadanittant l-appellata ppruvat tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha f'Malta fejn bdiet issegwi kors ta' studju. Ippruvat tapplika għal *visa* ta' studenta mas-Central Visa Unit, iżda ġiet infurmata li din it-talba tagħha ma setgħetx tintlaqa' għaliex il-passaport tagħha kien għad fadallu validità ta' inqas minn sitt xhur. Sadanittant in vista tas-sitwazzjoni tal-pandemija li laqtet lid-dinja, l-appellata rċeviet korrispondenza li tgħid li hija kienet awtorizzata tibqa' f'Malta għal żmien limitat, almenu sakemm ikun possibbli għaliha li tiġi ripatrijata. Huwa fatt magħruf li f'dak iż-żmien madwar id-dinja kollha kienu diversi l-ajruporti li ngħalqu, u kien hemm interruzzjonijiet fl-ivvjaġġar, kemm għaliex ħafna mill-pajjiżi għalqu l-fruntieri tagħhom, kif ukoll għaliex ma kienx hemm domanda għas-safar, bir-riżultat li bosta titjiriet bdew jiġu kkanċellati. Jirriżulta wkoll li hekk kif l-appellata rċeviet il-passaport il-ġdid tagħha mill-

awtoritajiet ta’ pajjiżha, din għal darb’oħra ppruvat tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha mas-Central Visa Unit, iżda din id-darba ġiet infurmata li ladarba l-kors li kienet qegħda ssegwi f’Malta għandu MQF Level aktar minn 4, l-awtorità kompetenti biex toħroġ l-awtorizzazzjoni mitluba mill-appellata kienet Identity Malta Agency. Mill-atti jirriżulta li l-appellata ressqet applikazzjoni mal-appellanta sabiex tipprova tirregolarizza l-preżenza tagħha f’Malta, ippreżentat id-dokumenti kollha mitluba minnha, u baqgħet f’korrispondenza kontinwa mal-appellanta, sakemm eventwalment hija ġiet infurmata li t-talba tagħha ma setgħetx tintlaqa’ għaliex meta ressqet l-applikazzjoni tagħha hija kienet qegħda f’Malta illegalment.

21. Il-Qorti tqis li meta wieħed isegwi l-*iter* ta’ kif seħħew il-fatti rigward l-applikazzjoni tal-appellata, kellu raġun il-Bord jikkonkludi li hija kellha tgħaddi minn diversi ċirkostanzi sfortunati. Il-Qorti ma tistax taċċetta l-pożizzjoni tal-appellanta li kull darba li applikant isib ruħhu f’diffikultà biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, għal raġunijiet li ċertament li mhumiex imputabbli lilu, l-appellanta tiċċita r-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u tinforma lill-applikant li ladarba dan qiegħed f’Malta illegalment, l-applikazzjoni tiegħu ma tistax tkompli tiġi pproċessata. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellata bl-ebda mod m’għandha tinżamm responsabbli għall-fatt li ftit wara l-wasla tagħha f’Malta ngħalqu l-ajruporti madwar id-dinja, l-aġenziji li joffru servizzi lil persuni li jixtiequ jirregolarizzaw is-soġġorn tagħhom fil-pajjiż fejn ikunu, ma baqgħux joperaw kif kienu qabel, kien hawn konfużjoni fl-iskedi tat-titjiriet tal-ajru, u ħafna pajjiżi għalqu l-bibien tagħhom għal kull min ried jasal fil-pajjiż minn barra. Fuq kollox jirriżulta li minkejja dawn id-diffikultajiet kollha, l-appellata rat kif għamlet u ppruvat tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, ġeddet il-passaport tagħha

permezz tal-Konsulat Veneżwelan f'Barċellona, bdiet issegwi kors ta' studju f'Malta, u baqgħet f'kuntatt mal-awtoritajiet, u ppreżentat kull dokument mitlub minnha. Wara diversi tentattivi u ċirkostanzi fejn ġiet infurmata li kellha tapplika ma' entitajiet governattivi differenti, fl-aħħarnett l-appellata ġiet infurmata mill-appellanta li l-applikazzjoni tagħha ma setgħetx tiġi pproċessata u li hija kienet meqjusa li qegħda f'Malta illegalment. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-pożizzjoni, għaliex mill-provi jirriżulta li l-appellata għamlet dak kollu li setgħet biex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha. Huwa minnu li ċ-ċirkostanzi taż-żmien li fih inzertat qegħda tipprova tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha kienu diffiċli, iżda dan m'għandux neċessarjament ifisser li l-appellata kienet qegħda f'Malta illegalment, partikolament meta jirriżulta li kien biss f'Ottubru tal-2020 li nħarġilha l-passaport minn pajjiżha, u hemm dubji kemm f'dak iż-żmien kien possibbli għall-appellata li tirritorna f'pajjiżha minħabba l-għeluq tal-fruntieri f'bosta pajjizi. Kien hemm ukoll il-fattur li l-appellata bdiet issegwi kors ta' studju f'Malta u baqgħet tipprova tirregolarizza l-preżenza tagħha f'Malta. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat, għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-appellata kellha titqies li qegħda f'Malta illegalment, u għalhekk tiċħad dan l-aggravju.

*It-tieni aggravju:* *deċiżjoni mhux motivata*

22. L-appellanta qalet li l-Bord naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu, u ma tax ir-raġunijiet għalfejn kien qiegħed jilqa' l-appell tal-appellata. Imma l-Qorti ma taqbilx lanqas ma' dan l-aggravju. Ir-risposta tal-appellanta fir-rigward tal-appell imressaq mir-rikorrenti kienet waħda qasira u skjetta ħafna, u fil-fatt l-

unika informazzjoni li l-appellanta tat lill-Bord, kienet li l-appellata kienet qegħda f'Malta illegalment meta din ippreżentat l-applikazzjoni tagħha.

23. Il-Bord qies il-fatti kollha li jirriżultaw mill-atti, kif għamlet din il-Qorti, sabiex seta' jistabbilixxi huwiex raġonevoli li jingħad li l-appellata kienet qegħda f'Malta illegalment meta ressqet l-applikazzjoni tagħha, u wasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti. Fil-fatt fil-parti konklussiva tad-deċiżjoni tiegħu il-Bord uża t-terminu "*convergence of misfortunes*", liema terminu l-Qorti tqis li hu wieħed xieraq ferm għad-diversi ċirkostanzi sfortunati li kellha tiffaċċja l-appellata. Din il-Qorti tqis li kien aktar impellenti għall-appellanta bħala l-aġenzija li ħadet id-deċiżjoni amministrattiva li ġiet appellata, li tispjega fid-dettall ir-raġunijiet għalfejn l-appellata ġiet meqjusa li qegħda f'Malta illegalment. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**